MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2006

Numru. 27/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**CAROLINA PANARIELLO,**
**CATELLO VOCCIA,**
**RAFFAELE FRONTERA,**
**DURANTE VOCCIA,**
**ANGELA PANARIELLO,**
**TERESA FRONTERA,**
**DOMENICO FRONTERA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CAROLINA PANARIELLO** ta' sitta w erbghin sena, mart Domenico Frontera u bint Domenico

Panariello, imwielda l-Italja nhar l-hamsa ta' Lulju 1959 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, **CATELLO VOCCIA,** ta' hamsin sena bin Durante u Luigia Acanfora, imwieled l-Italja nhar t-tmintax ta' Marzu 1956 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, **RAFFAELE FRONTERA,** ta' sbatax il-sena, bin Domenico u Carolina Panariello, imwieled l-Italja nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 1989 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, **DURANTE VOCCIA,** ta' sittax il-sena, bin Catello u Angela Panariello, imwieled l-Italja nhar d-disgha ta' Settembru 1989 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, **ANGELA PANARIELLO,** ta' tlieta w erbghin sena, mart Catello Voccia u bint Domenico Panariello, imwielda l-Italja nhar l-ewwel ta' Jannar 1964 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, **TERESA FRONTERA,** ta' tlieta w ghoxrin sena, bint Domenico u Carolina Panariello, imwielda l-Italja nhar l-erbgha ta' Lulju 1993 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, u **DOMENICO FRONTERA** ta' erbgha w hamsin sena bin Rafaele u Terese nee Drammis, imwieled l-Italja nhar s-sitta ta' Settembru 1952 u residenti Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, gew mressqa quddiemha akkuzati talli nhar s-sebgha ta' Awissu 2006 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu fix-Xaghra, Ghawdex:

1. Hebbew ghal John Baptist Spiteri sabiex jingurjawh, idejjquh u jghamlulu hsara;

**Lil Raffale Frontera u Durante Voccia wahedhom:**

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Baptist Spiteri, liema griehi jgibu sfregju fil-wicc;

**Lil Carolina Panariello, Catello Voccia, Raffaele Frontera, Durante Voccia, Angela Panariello, Teresa Frontera u lil Domencio Frontera**

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Talli kkagunaw hsara voluntarja ghad-dannu ta’ John Baptist Spiteri f’ammont li ma jeccidix l-hamsin lira maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhud Doctor Michael Refalo jghid li hu kien ezamina lil John Baptist Spiteri fid-Dipartiment tal-Emergenza nhar s-sebgha ta’ Awissu 2006, w irrizultalu li l-feriti li sofra kif deskritti minnu fic-certifikat mediku esibit bhala dokument MP fl-atti, kienu ta’ natura hafifa.

Semghet lil Konsulent Doctor Robert Scicluna jiddeskrivi l-feriti li ssubixxa John Baptist Spiteri wara li ezaminah dakinhar stess tas-sebgha ta’ Awissu 2006 fl-ghassa tal-pulizija, liema feriti huma deskritti fic-certifikat mediku rilaxxjat minnu esibit fl-atti bhala dokument RS. Illi dan ix-xhud jghid li l-feriti kienu kollha ta’ natura hafifa salv ghal zewg girfiet fondi fuq l-imnieher, li jistghu jhallu sfregju. Huwa zied jghid li kellu jerga’ jara lil vittma, pazjent tieghu, wara ghaxart ijiem biex jghid jekk l-feriti kienux ser jhallu sfregju.

Semghet lil vittma John Baptist Spiteri jixhed u jispjega kif sehh l-incident u li huwa dahal fih intortament.

Rat r-ritratti esibiti mill-espert nominat minnha, Max Xuereb.

Semghet lil Ispettur Antonello Grech jixhed.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kollha kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Hamis, ghaxra ta’ Awissu 2006 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati kollha wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien

wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti, wara li giet assikurata mill-interpretu nominat minnha, li l-imputati kollha fehmu l-import tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, tiddikjara li qed issbhom kollha hatja tal-istess.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputati kollha kif registrata fl-atti u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fatt li l-hsara voluntarja kienet *de minimis* u li l-istess imputati ghamlu tajjeb ghal hsarat kagjonati minnhom tant li l-vittma m'ghandux aktar pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront taghhom;

3. Ix-xhieda ta' Doctor Robert Scicluna u cioe li l-ferita li sofra John Baptist Spiteri fuq imniehru tista thalli marka permanenti konsistenti fi sfregju pero l-istess tabib kellu jerga jara lil vittma wara l-perjodu ta' ghaxart ijiem sabiex ikun cert minn dawn il-feriti;

4. Il-fatt li l-imputati kollha ghandhom jitqiesu li huma *first time offenders* ghaliex l-prosekuzjoni naqset li tesibixxi l-fedina penali taghhom u ghalhekk l-Qorti ser tittratthom bhala tali.

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 214, 216(1)(b), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li <u>ssib</u> lil imputati CAROLINA PANARIELLO**, **CATELLO VOCCIA, RAFFAELE FRONTERA, DURANTE VOCCIA, ANGELA PANARIELLO, TERESA FRONTERA** u **DOMENICO FRONTERA <u>hatja tal-akkuzi kollha</u> kif dedotta kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tiddecidi li tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghal perjodu ta'**

**sentejn [2] mill-lum** ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------